MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004

Numru. 491/2004

PULIZIJA
SPETTUR CLAUDINE VELLA
VS
MALCOLM BRIAN MERCIECA
GLBERT DEGABRIELE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Malcolm Brian Mercieca ta' 19 il-sena imwieled Pieta nhar s-6 ta' Mejju 2985 bin missier mhux maghruf u Sylvana Mercieca residenti gewwa nru 6 Qasam tal-Gvern Ricasoli Kalkara detentur tal-karta tal-identita numru 270285M talli f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dsposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;
Talli gewwa l-Qasam industrijali tal-Marsa nhar id-19 ta' Gunju 2004 ghal habta ta' 5am bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta ittanta jisraq vettura numru BBL 336 tal-

marka Tata ghad-dannu ta' Jason Abdilla minn Hal Luqa li l-valur taghha huwa ta' aktar minn Lm1000 izda mhux aktar minn Lm5000, liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndpendenti mill-volonta teghu, dan bi ksur ta' artikoli 41(a), 261, 263, 267, 270, 271(g), u 279(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data u hin gewwa l-stess postijiet tal-gzejjer ta' Malta volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura tal-ghamal Tata Indica numru tar-registrazzjoni BBL 336, ghad-dannu ta' Jason Abdilla minn Hal Luqa liema hsara teccedi il-hamsin lira maltin, imma ma teccedix il-hames mtt lira maltin u dan ai termini tal-artikolu 325(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Onorabbli Qorti u cioe li ikkommetta reat waqt qieghed f'perjodu operattiv ta' probation b'sentenza li saret definittva mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta mll-Magistrat Dottor Lawrence Quintano LL.D. nhar il-25 t'April 2003.

Lil Gilbert Degabriele ta' 20 sena imwieled nhar il-15 ta' Gunju 1984 gewwa Pieta bin Joseph u Nathalina nee Balzan residenti gewwa Monreve, Flat 2 Triq Kent Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 576884M tall gewwa il-Qasam Industrijali tal-Marsa nhar id-19 ta' Gunju 2004 ghal habta ta' 5am irrenda ruhu komplici billi assista sabiex bl-hsieb li jsir deltt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ghen biex inghatat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta kien attentat ta' serq ta' vettura numru BBL 336 tal-marka TATA ghad-dannu ta' Jason Abdilla minn Hal Luqa li l-valur taghha huwa ta' aktar minn Lm1000 izda mhux aktar minn Lm5000, liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-hin, bl-mezz,.bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, dan bi ksur tal-artikoli 41(a), 261, 263, 267, 270, 271(g) u 279(b) tal-kap 9 tal-Ligjjiet ta' Malta.

Talli gewwa l-Qasam Industrijali tal-Marsa nhar id-19 ta' Gunju 2004 ghal habta ta' 5am irrenda ruhu komplici billi assista sabiex u aktar talli fl-istess data u hn gewwa l-istess postijiet tal-gzejjer maltin volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddehor, mobbli jew immobbli, meta saret hsara fuq vettura tal-ghamla Tata Indica numru tar-regstrazzjoni BBL 336 ghad-dannu ta' Jason Abdilla min Hal Luqa liema hsara teccedi l-hamsin lira maltn, imma ma teccedix il-hames mitt lira maltin u dan ai termini tal-artikolu 325(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokujmenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tal-21 ta' Gunju 2004 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 18, 41(a), 261, 263, 267, 270, 271(g), 279(b), 325(a) tal-kap 9 u Art 7, 9 u 28A u 28G tal-kap 9 u Art 23 tal-kap 446 u tikkundanna lill-imputat Mercieca ghal multa ta' Lm300 rigward il-ksur tal-probation, u tikkundannah ghal suspended sentence supervision order ghal perjodu ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin, filwaqt li tqieghed lill-imputat Degabriele taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina probation officer ghaz-zewg imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------